



Brussell, 27 ta' Marzu 2020
(OR. en)

7022/20

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0206 (NLE)

TRANS 136
MAR 41
EU-GNSS 6
AVIATION 44
ESPACE 14
RELEX 238
NIS 3

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru. dok. preċ.	6059/20 13318/19 13343/19 13800/19
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS), f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea (verżjoni bil-lingwa Irlandiża) - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni

1. Fit-18 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS), f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea (ara d-dokumenti 13318/19 u 13343/19).
2. Il-verżjoni bil-lingwa Irlandiża tad-deċiżjoni msemmija hawn fuq, li ma kinitx ippreżentata qabel l-adozzjoni tagħha, issa hija disponibbli.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Marzu 2020, qabel li jistieden lill-Kunsill biex jadotta, f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss, bħala punt "A", il-verżjoni bil-lingwa Irlandiża tad-deċiżjoni, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 13318/19.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonali attwali, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar il-verżjoni bil-lingwa Irlandiża tad-deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dokument 13318/19, u
 - jiddeċiedi, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tagħha.
-